MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Numru 145/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**JOSEPH ROBERT MICALLEF**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Robert Micallef ta' 32 sena iben Arthur u Mary mitwielda Spiteri, mwieled l-Ingilterra fil-25.02.1973 u joqghod Tal-Grazzja Flats Flt. 1, Triq Santa Rita l-Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 347789(M) gie akkuzat:

Talli fid-19 ta’ Dicembru 2004 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar gewwa l-istadium Nazzjonali ta’ Ta’ Qali, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ fuq il-persuna ta’ PS860 Keith Caruana meta hu kkagunalu offiza ta’ natura hafifa, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz.

U aktar talli; fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata, skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ fuq il-persuna ta’ PC 149 Jesmond Abela, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi.

U aktar talli; fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga ghad-dannu tal-Malta Football Association.

U aktar talli; fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza kliem offensiv jew wera imgieba abbuziva.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem oxxen fil-pubbliku.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet leggitimi tal-pulizija.

U aktar talli; sar recidiv billi kiser il-kundizzjoni ta’ sentenza moghtija mill-qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tiprojbixxi lil imputat milli jattendi f’xi ground ta’ l-isports ghal perjodu ta’ mhux izjed minn sena.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 11 tal-Process (Dok JC2) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti u Dr. Chris Busietta ghall-imputat, b'referenza ghas-seba' akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda r-recidiva, iddikjaraw li din l-akkuza effettivament ma' tirrizultax u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jammetti l-ewwel sitt akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel sitt akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 339(1)(e), 328(d), 338(bb) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-regolamenti 7 u 9 tal-A.L. 88 ta' l-1979.

Issib lill-imputat Joseph Robert Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel sitt akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkwantu ghall-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u it-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Robert Micallef ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-

perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Joseph Robert Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, nkwantu ghar-raba’ akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-imputat Joseph Robert Micallef ghall-piena ta’ Lm25 ammenda, nkwantu ghall-hames akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-imputat Joseph Robert Micallef ghall-piena ta’ Lm25 ammenda u nkwantu ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-imputat Joseph Robert Micallef ghall-piena ta’ Lm25 ammenda. Rigward is-seba’ akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat li tirrigwarda r-recidiva, tenut kont dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti u Dr Chris Busietta ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-imsemmi imputat Joseph Robert Micallef minn din l-akkuza ghax ma’ tirrizultax.

Inoltre, bl-applikazzjoni tar-regolament 9(2) tal-A.L. 88 ta’ l-1978, tipprojbixxi lill-imputat Joseph Robert Micallef milli jattendi f’xi ground ta’ l-isports ghal perjodu ta’ sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Robert Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------